MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 308/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Magro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Grech talli:

(1) Matul dawn l-ahhar granet b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda gewwa l-Hamrun f'diversi hinijiet differenti uza vjolenza sabiex igieghel lil Maria Piscopo taghmel, thalli jsiru, jew tonqos milli taghmel xi haga;

(2) Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghall-istess Maria Piscopo sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

(3) Fl-istess dati, lok u cirkostanzi gewwa l-Gzejjer Maltin hedded lill-istess Maria Piscopo bi kliem;

(4) Fl-istess bnadi, hinijiet u zminijiet ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Piscopo u dan skond kif iccertifika Dr. Anton Briffa M.D. tac-centru tas-sahha tal-Floriana.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Maria Piscopo u l-familjari taghha sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, turbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' soma flus li tigi ffissata kif jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tordna li jkun hemm ordni ta' protezzjoni lejn Maria Piscopo u l-membri familjari taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Raymond Magro, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 18, 221(1), 251, 338(e) u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mid-data tas-sentenza appellata, u inoltre a tenur ta' l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni biex l-istess Raymond Magro ma jkellimx, jimmolesta jew jikkomunika bi kwalunkwe mezz ma' Maria Piscopo jew familjari taghha ghal zmien tliet snin mid-data tas-sentenza appellata taht penali ta' elf liri Maltin (Lm1,000);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta' Awissu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imsemmi Raymond Magro hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u fejn applikat Ordni ta' Protezzjoni, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatu taht il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kndizzjoni li ma jaghmilx reat iehor

fi zmien tliet snin mid-data tas-sentenza appellata u minflok tinfliggu piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa dwar il-piena. Huwa jghid li l-ewwel Qorti tat piena li ma tirrispekkjax il-gravita` tal-kaz, li l-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta hija *out of touch* minn ma' l-opinjoni pubblika dwar stmerrija ghal kwalsiasi att ta' vjolenza domestika u tmur kontra l-intenzjoni tal-legislatur kemm meta approva l-Kap. 481 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll meta approva l-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel Qorti ma tat l-ebda hjiel dwar ir-*ratio* tad-decizjoni taghha. Isostni li kull forma ta' vjolenza ghandha ggib maghha piena restrittiva tal-liberta` b'effett immedjat, li l-ewwel Qorti jmissha semghet il-provi biex tiddetermina l-veru sfond li fih sehh ir-reat.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Dan il-principju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Dan huwa kaz fejn l-appellat irregistra ammissjoni fl-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti. Huwa minnu li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda raguni ghaliex ghazlet li tapplika l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm huwa rakkommandabbli li xi raguni tinghata, l-ewwel Qorti ma kinitx marbuta li taghmel dan. Fis-sentenza moghtija

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju 2007 (u mhux 14 ta' Mejju 2007 kif indika l-Avukat Generali fir-rikros ta' appell tieghu) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Amrou Mohammed El Taieb Ibrahim Awkil**, intqal precizament hekk:

"Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi huwa rakkommandabbli illi Qorti tindika x'ikun wassalha biex tapplika l-mizura tal-liberazzjoni kondizzjonata (*conditional discharge*). Izda l-ligi stess ma timponix fuq il-Qorti l-obbligu li taghti dawk ir-ragunijiet. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jipprovdi, *inter alia*, hekk: **"Id-disposizzjonijiet tal-*proviso* li hemm ma' l-artikolu 7(2) ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw ghal dan is-subartikolu"**. Il-*proviso* rilevanti ta' l-artikolu 7(2) huwa <u>l-ewwel</u> *proviso* u mhux it-tieni wiehed kif issottometta l-appellant. Dan l-ewwel *proviso* jipprovdi hekk: **"Izda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jezistu cirkostanzi, li ghandhom jigu dikjarati b'mod car fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-hati jitqieghed taht ordni ta' *probation* fil-kaz ta' reat li, minbarra xi zjieda fil-piena minhabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' htija precedenti, ikun punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba' snin izda mhux ghaxar snin, il-qorti tista' taghmel ordni ta' *probation***". Dan ifisser li l-Qorti hi marbuta li ssemmi c-cirkostanzi li jkunu wassluha biex taghmel ordni ta' *probation* jew ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata meta l-piena tkun teccedi seba' snin izda mhux ghaxar snin. Fejn il-piena ma teccedix seba' snin prigunerija, m'hemm l-ebda obbligu fuq il-Qorti li tispjega x'inhuma c-cirkostanzi li wassluha biex tapplika mizura u mhux ohra fil-Kap. 446. Naturalment, kif inghad, huwa rakkommandabbli li jkun hemm indikazzjoni peress illi dan jista' jiffranka appelli inutili u, f'kaz ta' appell, jippermetti lil din il-Qorti tifhem ir-*ratio* tad-decizjoni li tkun ittiehdet."

Issa, f'dan il-kaz l-ebda reat addebitat lill-appellant ma jgorr mieghu piena in eccess ta' seba' snin prigunerija. L-aktar piena serja hi dik dwar l-ewwel imputazzjoni li ggorr maghha piena ta' prigunerija minn hames xhur sa tmintax-

il xahar[2]. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda obbligu li taghti r-ragunijiet jew tispjega c-cirkostanzi li wassluha biex tapplika l-mizura li effettivament applikat. Huwa ovvju li ma kinitx tapplika tali mizura li kieku ma kinitx “tal-fehma” li tapplikaha.

Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti (konsistenti fir-rapport lill-Pulizija u l-istqarrija ta’ l-appellat li tinkludi wkoll dak li qalet Maria Piscopo waqt konfront maghha) pero` u semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur ta’ l-appellat li qal li huwa stess kien sahansitra rrakkommanda sentenza sospiza ta’ prigunerija u mhux *conditional discharge*, din il-Qorti hi tal-fehma li effettivament il-mod kif l-ewwel Qorti ttrattat ma’ l-appellat kien miti wisq. Mhuwiex kontestat li l-vittma f’dan il-kaz, certa Maria Piscopo, kellha xi tbengil li gie deskritt bhala offizi ta’ natura hafifa mit-tabib Dr. Anton Briffa. Anke l-kliem li uza fil-konfront taghha kien kliem vjolenti. Tali agir mhuwiex tollerabbli u ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun jghid li kien hemm lok ta’ piena ta’ prigunerija. Din il-Qorti pero` hija tal-fehma li mhuwiex il-kaz li s-sentenza jkollha effett immedjat peress illi jkun opportun li l-appellat jippartecipa fi programm specifiku dwar il-vjolenza domestika imniedi mill-*Men’s Services* fi hdan l-Appogg. Din il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li qieset li s-siehba ta’ l-appellat mhijiex prezentement tghix mieghu, u li l-fedina penali aggornata tieghu turi almenu *prima facie* li l-ahhar kundanna li kellu kienet mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta’ Frar 1984 dwar ksur ta’ regolamenti tat-traffiku fis-27 ta’ Awissu 1983. Qabel dik id-data pero` kellu xi kazijiet li kienu juru certu agir vjolenti[3], agir li donnu ghamel xi zmien li halla warajh izda li jidher li issa b’dan il-kaz rega’ waqa’ fih u li ghalhekk huwa impellenti li jiehu t-trattament appozitu.

---

[2] Li f’dan il-kaz tista’ tizdied minn grad sa zewg gradi bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal piena massima ta’ tliet snin.

[3] Sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta): 23 ta’ Frar 1978 – ksur tal-bon ordni u paci pubblika b’ghajjat u glied, qal kliem oxen fil-pubbliku; 4 ta’ April 1978 – qal kliem fahxi konsistenti f’dagha fil-pubbliku; 16 ta’ Jannar 1981 – ksur tal-bon ordni u paci pubblika b’ghajjat, kliem fahxi konsistenti f’dagha, waddab fliexken u gebel b’detriment ghall-pubbliku, m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija; 11 ta’ Gunju 1982 – irrezista bi vjolenza lill-Pulizija, qal kliem fahxi kosnistenti f’dagha fil-pubbliku, ksur tal-bon ordni u paci pubblika b’ghajjat u glied.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu lliberat lill-imsemmi Raymond Magro taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mid-data ta’ dik is-sentenza, u minflok tikkundanah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ disa’ xhur u, a tenur ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tordna li din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum l-istess Raymond Magro jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 28G tal-Kap. 9, taghmel ordni ta’ supervizjoni u tqieghed lill-appellat taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghall-perijodu operattiv kollu u taht il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni hawn anness. Din il-Qorti spjegat lill-appellat bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------